MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KEVIN MOMPALAO

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 34/2013

Avviz Nru 34/2013

Harbour Management Limited
Vs
Joseph Spiteri.

It-Tribunal

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-kumpanija attrici talbet is-somma ta’ elf u tmienja u tmenin Ewro u tnejn u hamsin centezmu (€1088.52) dovuti mill-konvenut in lineja ma’ drittijiet ghall-Irmigg fil-Port tal-Imgarr Ghawdex, konsum tal-elettriku minn fuq l-irmigg u dan b’konnessjoni mal-opra tal-bahar M/Y Nicapoint skont fatturi esebiti. Dan bl-ispejjez kollha kif mitlub fl-avviz.

Illi l-konvenut wiegeb fejn qal illi huwa ma kellu l-ebda kuntratt li jorbtu mal-kumpanija attrici u hu ghazel li jwaqqaf is-servizz meta ried, u meta ghamel dan il-mizati kienu kollha mhallsa.

Ra d-dokumenti kollha esebiti, nkluzi dawk esebiti animo ritirandi.

Sema’ x-xhieda bil-gurament u ra t-traskrizzjonijiet tal-istess xhieda.

Ra d-digriet u l-verbali kollha tieghu nkluz dak tat-tlieta (3) ta' Ottubru tas-sena l-elfejn u erbatax (2014) illi permezz tieghu din il-kawza giet diferita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra.

Illi l-kumpanija attrici qed tirreklama hlasijiet ghall-irmigg li allegatament l-konvenut ghamel fil-marina amministrata minnha fil-port tal-Imgarr, Ghawdex.

Jidher bic-car mid-dokumenti esebiti illi l-prova tal-Irmigg saret a sodisfazzjon ta' dan it-Tribunal. Ir-rekords tal-kumpanja attrici jidher illi huma mizmumin tajjeb. Dawn ir-rekords juru d-dati li fihom id-dghajsa tal-konvenut kienet tkun irmiggata. Dan skont rassenja li kienet issir darbtejn kuljum. Dawn id-dokumenti mizmumin tajjeb huma kotba tan-negozju u bhala tali huma prova prima facie tal-kontenut taghhom; liema prova l-konvenut ma rnexxilux jirribatti fl-ebda stadju.

Jifdal ghalhekk li dan it-tribunal jinvestiga jekk attwalment l-eccezzjoni principali tal-konvenut cioe' illi huwa hallas dak kollu dovut tisthoqx li tigi akkolta.

F'materja simili l-oneru tal-prova tal-pagament dejjem jispalla lil min jallegah, ghalkemm imbaghad f'kaz ta' dubju dan xorta wahda ghandu jmur favur il-konvenut (ara decizjonijiet Manuel Zerafa –vs- Nazzareno Muscat Scerri", Prim'Awla, Qorti Civili, 27 ta' Mejju 1970 u "Desmond Mizzi noe –vs Patrick Filletti Pro et noe Appell 28 ta' Jannar 2000).

Fil-kaz odjern il-konvenut ma forna l-ebda prova ta' dan il-pagament. Il-konvenut mhux biss ma pruvax l-eccezzjoni tieghu tal-pagament imma kien addirittura inkonklussiv u konfuzzjonarju fil-prova li gab f'dan ir-rigward u partikolarment fid-deposizzjoni tieghu. Ghalhekk din il-prova tal-pagament ma saritx.

L-unika prova li saret a sodisfazzjon ta' dan it-Tribunal kienet dik da parti tas-socjeta' attrici u cioe' li s-servizz inghata. Fic-cirkostanzi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-talbiet tal-kumpanija attrici; jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-kumpanija attrici, is-somma ta' elf u tmienja u tmenin Ewro u tnejn u hamsin centezmu (€1088.52). Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenut, u bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza l-quddiem.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------